MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2006

Talba Numru. 1514/2004

**Citadel Insurance plc (C 21550) kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Pauline Buhagiar u l-istess Pauline Buhagiar**

**Vs**

**Thomas James Lawrie u b'digriet tat-Tribunal tat-3 ta' Mejju, 2006 giet nominata Dr Ramona Frendo bhala Kuratur Deputat sabiex tirrapprezenta lill-assenti Thomas James Lawrie**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-atturi talbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta` hames mija u tmienja u sebghin lira Maltin u sbatax-il centezmu (Lm578.17c) u dan billi ppremettew illi l-konvenut huwa unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li gara l-Marsa fil-31 ta` Lulju, 2002 li fiha kienu nvoluti l-vettura bin-numru ta` registrazzjoni BEE 004 proprjeta` ta` l-attrici Pauline Buhagiar u l-vettura bin-numru ta` registrazzjoni GAK 424 misjuqa mill-konvenut u dan stante li l-incident sehh unikament minhabba negligenza, traskuragni u nuqqas ta` harsien tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Illi ghalhekk l-atturi talbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma fuq imsemmija rapprezentanti d-danni u spejjez minnhom sofferti.

Illi l-konvenuta nomine eccepiet illi t-talba attrici fil-konfront ta` Thomas James Lawrie hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-atturi stante li l-incident *de quo* sehh minghajr htija da parti ta` l-istess konvenut izda sehh unikament b'negligenza u traskuragni, imperizja jew nuqqas ta` tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta` Joseph Buhagiar li kien qed isuq il-vettura proprjeta` ta` l-attrici Pauline Buhagiar kif jista` jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Sema` x-xhieda ta` Joseph Buhagiar u ra d-dokumenti kollha esebiti.

Sema` t-trattazzjoni ta` Dr Philip Magri ghall-atturi u ta` Dr Ramona Frendo ghall-konvenut.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi Joseph Buhagiar kien qed isuq il-vettura bin-numru ta` registrazzjoni BEE 004 li hija proprjeta` ta` l-attrici martu Pauline Buhagiar u kien gej minn H'Attard sejjer lejn il-Marsa. L-incident gara ftit qabel m'hemm il-fabbrika tas-sulfarini l-Marsa. It-triq hija *dual carriageway* u hu kien qed isuq fuq in-naha tal-lemin

u bejn fejn kien qed isuq u l-karreggjata l-ohra hemm sinjal ma` l-art. Kien hemm karozza ohra ghaddejja min-naha tax-xellug tieghu u kienet xi ghaxar / tnax-il metru quddiemu.

Buhagiar jghid illi l-vettura kienet max-xellug tieghu u quddiemu izda mid-dikjarazzjoni ffirmata minn Lawrie hemm indikat minnu illi huwa kien qed isuq fuq in-naha tal-lemin tat-triq. F'dan ir-rigward hemm kunflitt dwar fejn kienu l-vetturi qabel ma sehhet il-kollizjoni billi Buhagiar jghid illi kien hu li kien fuq in-naha tal-lemin mentri Lawrie jghid li fil-fatt kien hu fuq il-lemin.

F'dan ir-rigward it-Tribunal jirrileva illi d-dikjarazzjoni ta` Lawrie m'hijiex dikjarazzjoni guramentata izda hija semplicement Ittra minnu maghmula disa` xhur wara li sehh l-incident minghajr ma giet ikkonfermata. It-Tribunal ma jafx taht liema cirkostanzi saret din id-dikjarazzjoni u ghalhekk fid-dawl ta` dan il-kunflitt it-Tribunal m'ghandux alternattiva hlief li joqghod fuq ix-xhieda *viva voce* li nghatat minn Joseph Buhagiar li tassumi prova ahjar minn dik imressqa mill-konvenut.

Illi ghalhekk it-Tribunal huwa sodisfatt illi mill-provi prodotti jirrizulta illi Joseph Buhagiar kien qed isuq fuq in-naha tal-lemin tat-triq u li fil-fatt Lawrie kien qieghed fuq in-naha tax-xellug tieghu aktar 'il quddiem. Kif xehed Buhagiar, l-istess Lawrie ghal gharrieda u minghajr pre-avviz qabad u qata' quddiemu bl-intenzjoni li jikser ghal *side road* u b'hekk qata' quddiem il-karreggjata ta` Buhagiar u sehhet il-kollizjoni.

Fid-dawl tal-provi mressqa t-Tribunal huwa tal-fehma illi l-kollizjoni sehhet unikament ghaliex Lawrie qabad u biddel il-via minghajr pre-avviz u minghajr ma qaghad joqghod jara x'effett ser ikollha l-manuvra li ried jaghmel fuq it-traffiku ta` warajh. Ta` min jinnota illi fid-dikjarazzjoni maghmula minn Lawrie huwa ma jsemmi xejn dwar jekk qaghadx joqghod jara li seta' jaghmel manuvra minnu ntentata liberament. Huwa ma jsemmi xejn li hares lejn it-traffiku l-iehor u ghalhekk anki jekk wiehed, ghall-grazzja

ta` l-argument, kellu joqghod fuq dak li qal Lawrie, ma jirrizultax li dan kien qed izomm *a proper lookout*.

Huwa minnu li normalment il-vettura ta` wara hija obbligata li zzomm distanza xierqa w opportuna sabiex ikollha opportunita` bizzejjed sabiex is-sewwieq ta` din il-vettura jkollu opportunita` bizzejjed illi jiehu mizuri evasivi f'kaz li l-vettura ta` quddiemu taghmel xi manuvra inaspettata minhabba xi emergenza.  Izda f'dan ir-rigward it-Tribunal jirrileva wkoll illi quddiem il-vettura ta` l-attrici ma kienx hemm vetturi ohra.  Il-vettura tal-konvenut kienet fuq in-naha tax-xellug taghha w aktar 'il quddiem u ghalhekk din il-vettura tal-konvenut kienet mistennija illi tibqa` miexja fl-istess karreggjata u jekk din il-vettura riedet taqleb minn karreggjata ghall-ohra kellha l-obbligu li taccerta ruhha li tista` taqleb ghall-karreggjata tan-naha tal-lemin liberament u minghajr ebda xkiel tat-traffiku li jkun gej minn warajha.

Huwa evidenti illi l-konvenut m'ghamel xejn minn dan izda qabad u qata` ghad-dritt minghajr ma ta kaz ghat-traffiku l-iehor u b'hekk holoq sitwazzjoni fejn il-kollizjoni ma setghetx tigi evitata minn Buhagiar.

Illi ghalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma illi rrizulta minghajr dubju illi r-responsabbilta` unika ghall-kollizjoni hija mputabbli ghall-konvenut.

Ghar-rigward tal-*quantum* tad-danni ma jirrizultax li dawn gew b'xi mod kontestati.  Inoltre, gew esebiti diversi dokumenti li jikkorroboraw il-pretensjonijiet ta` l-atturi u sahansitra l-provi juru illi d-danni attwali telghu ghal hames mija u disghin lira Maltin u sbatax-il centezmu (Lm590.17c) cjoe` ammont aktar minn dak mitlub fl-Avviz tal-kawza.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt li jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-kollizjoni in kwistjoni, jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma ta` hames mija u tmienja u sebghin lira Maltin u sbatax-il centezmu (Lm578.17c) bl-ispejjez u bl-interessi mid-29 ta` Lulju, 2004 (data tal-

prezentata ta` l-Avviz) u mhux mid-data ta` l-Ittra Ufficjali u dan stante li fl-Ittra Ufficjali tal-14 ta` Lulju, 2003 ma kienx hemm talba ghall-hlas ta` ammont specifiku izda kienet biss interpellazzjoni ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni u ghalhekk l-interessi ma jiddekorrux minn dakinhar.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------